# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 12**

**Rikors numru 1009/10/1 AE**

**Emanuel Spiteri**

**v.**

**Francis Mifsud u Marthese Mifsud**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell inċidentali mressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata") u li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti laqgħet limitatament it-talbiet attriċi billi, filwaqt li ċaħdithom rigward l-intimata Marthese Mifsud minħabba li l-azzjoni kontriha kienet waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames

snin taħt l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, laqgħethom f'biċċa kontra l-intimat Francis Mifsud u kkundannatu jħallas lill-attur is-somma ta' sittax-il elf seba' mija u dsatax-il ewro u tlettax-il ċenteżmu (€16,719.13) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' bejgħ u konsenja lilu ta' aluminju matul l-1995 u l-1997. Ordnat li l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-intimata Marthese Mifsud, filwaqt li l-appellant iħallas tmienja u għoxrin fil-mija (28%) tal-ispejjeż l-oħra u l-intimat Francis Mifsud it-tnejn u sebgħin fil-mija (72%) li jifdal;

2. L-appell prinċipali mressaq mill-intimati miżżewġin Mifsud mis-sentenza appellata kien mar deżert fit-13 ta' Marzu, 2018[1];

3. Sa minn dakinhar li l-appell kien tqiegħed għas-smigħ f'Jannar tal-2018, kien qed jitħalla għal probabbli ċessjoni billi l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw jaslu għal arranġament maqbul bejniethom barra l-Qorti. Fis-smigħ tat-22 ta' Ġunju, 2021, il-partijiet għarrfu lill-Qorti li ma kinux waslu u l-Qorti ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-appell inċidentali u ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza;

4. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti qalet hekk

*"Mill-provi rrizulta li:-*

[1] Ara d-digriet f'paġ. 297 tal-proċess.

*“i. Il-konvenut kien jaghmel xoghol tal-aluminju. L-isem kien Heavy Duty Aluminium Works;*

*“ii. L-attur ibiegh l-aluminju u l-konvenut kien klijent tieghu. L-attur xehed: “Mal-mara tal-konvenut jiena qatt ma nnegozjajt.” (fol. 136).*

*“iii. Il-hlas li jippretendi l-attur jirreferi ghall-bejgh u konsenja ta’ aluminju matul is-snin 1995 sal-1998;*

*“iv. B’kuntratt tat-23 ta’ Jannar 1997 pubblikat min-nutar Dr Antoine Agius, il-konvenuti ghamlu s-separazzjoni tal-beni. Fil-kuntratt jinghad:-*

> *“Il-komparenti qeghdin jiftiehmu li kwalunkwe djun li jezistu fil-komunjoni tal-akkwisti kienu maghmulin mill-komparenti Francis Mifsud u ghalhekk qieghed jassumi responsabbilta’ ghalihom; il-komparenta Marthese Mifsud hija intitolata ghal re-imborsiment minghand l-imsemmi zewgha fil-kaz li hi tigi mitluba taghmel xi pagamenti ghal tali djun” (fol. 159).*

*“v. Fit-3 ta’ Settembru 2007 il-konvenut hallas lill-attur is-somma ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20). Fir-ricevuta jinghad li “Paid on a/c” (fol. 30).*

*“**Preskrizzjoni**.*

*“Il-konvenuta spjegat li matul is-sena 2008 kienet saret laqgha mal-attur. Qalet li dakinhar zewgha kien “[….] qal lil Spiteri illi m’ghandux jaghtih dawk il-flejjes kollha li qieghed isemmi Spiteri izda ghandu jaghtih xi haga zghira. Mistoqsija biex nghid fhix kienet tikkonsisti din ix-xi haga zghira, nwiegeb li ma nafx. Ma semmiex cifri.” (fol. 134). Il-konvenut stess xehed: “Jiena nacceta li lil Spiteri ghandi naghtih tliet elef, seba’ mija wiehed u erbghin liri Maltin. Hekk jirrizulta minn dan id-dokument u jien minhiex nikkontestahom. Pero qatt ma wasalna biex naghmlu arrangament ta’ kif ha nhallsu dawn il-flus. Dwar imghax qatt ma tkellimna.” (seduta tal-21 ta’ Ottubru 2011). Ghalhekk il-konvenut ammetta li huwa debitur tal-attur.*

*“Irrizulta li fit-23 ta’ Jannar 1997, il-konvenuti tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalkemm fil-kuntratt jinghad li d-dejn kien ser jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut, fil-konfront ta’ terzi d-dikjarazzjoni hi res inter alios acta. Madankollu l-qorti tosserva li:-*

*“i. Filwaqt li l-attur isostni li l-konvenuti huma responsabbli in solidum, ma ghamel l-ebda riferenza ghal xi provvediment li jipprovdi hekk. L-Artikolu 1089 tal-Kodici Civili jghid:-*

> *“Ma jitqiesx li hemm solidarjeta’. Jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament”.*

*"Mill-provi rrizulta kif in-negozju kien jiggestih il-konvenut u l-attur qatt ma nnegozja mal-konvenuta*[2]*. Hu minnu li skond l-Artikolu 115(1) tal-Kodici tal-Kummerc:*

> *"Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu prezunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati in solidum.".*

*"Pero' meta tezisti l-komunjoni tal-akkwisti, dejn li jsir minn wiehed mill-konjugi fl-ezercizzju tan-negozju tieghu (Artikolu 1324 tal-Kodici Civili*[3]*), jekk fil-komunjoni tal-akkwisti m'hemmx bizzejjed beni, il-proprjeta parafernali tal-konjugi li ma ghamilx dak id-dejn, ma taghmilx tajjeb ghalih (Artikolu 1330 tal-Kodici Civili*[4]*). Fil-fehma tal-qorti dan ifisser li bejn il-konjugi Mifsud m'hemmx solidarjeta'.*

*"Ladarba m'hemmx solidarjeta' ma japplikax l-Artikolu 1100 tal-Kodici Civili*[5]*;*

*"ii. M'hemmx prova li l-hlas li ghamel il-konvenut fid-3 ta' Settembru 2007 sar ukoll bhala mandatarju ta' martu. M'hemm l-ebda prova li l-konvenuta kienet awtorizzat lil zewgha biex jaghmel dak il-pagament f'isimha. L-istess meta l-konvenut xehed li hu debitur tal-attur fl-ammont ta' Lm3,741.43, kien qieghed jitkellem ghalih innifsu. Id-dikjarazzjoni ma setax ikollha konsegwenza fuq il-konvenuta.*

*"M'hemmx provi sodisfacenti li l-konvenuta accettat li hi debitrici tal-attur. Wara t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, dak li seta' ghamel l-attur kien ghalih innifsu u mhux ghall-martu. Hu minnu li l-attur xehed: "Is-sinjura Mifsud qaltilna fil-laqgha li kellna fl-ufficcju tieghi illi hi finanzjarjament tista' taghti mitt ewro fix-xahar. Jiena ghidtilhom illi dak l-ammont huwa ftit ghal ragunijiet li diga' semmejt. Ma kkonkludejna xejn f'dik il-laqgha. Kellhom jaghtu risposta jekk jistghux jaghtuni iktar flus. Is-sinjura Mifsud qatt ma tatni flus lili bhala pagamenti akkont."*[6]*. Il-konvenuta qalet: "Nichad li qatt kien hemm xi ftehim illi ahna ser inhallsu xi cifra lil Spiteri." (fol. 6c). Ghalkemm l-attur qal li l-offerta tal-konvenuta*

---

[2] L-attur stess xehed: *"Mal-mara tal-konvenut jiena qatt ma nnegozjajt."* (fol. 6f).

[3] Artikolu 1324: *"Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkositwixxu amministrazzjoni straordinarja."*.

[4] *"Izda meta –*
*omissis*
*(b) id-dejn jinholoq mill-ezercizzju ta' sengha, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324;*
*il-kredituri ma jistghux jinfurzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li ma tkunx hi li minhabba fiha nholqot it-talba, izda jistghu f'dawn il-kazijiet jinfurzaw it-talba it-talba taghhom sal-limiti ta' kull parti li tibqa' ma tithallasx mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minhabba fiha nholqot it-talba."*.

[5] *"L-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in solidum, u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jisker il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom."*.

[6] Seduta tat-13 ta' Gunju 2011.

*saret quddiem David Mallia[7] u jghid li din il-persuna qalet lill-konvenuta: "Jien se noqghod nigi ghandek ghal mitt euro fix-xahar ?" (fol. 6g), l-attur naqas mill jressqu bhala xhud biex jikkorabora din il-verzjoni. L-oneru tal-prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni, hi fuq l-attur. Il-qorti semghet lill-attur u l-konvenuta u m'hijiex f'posizzjoni li tasal ghall-konkluzjoni li fuq bazi ta' probabilita' l-verzjoni li ta l-attur hi l-verita'. 'Il fatt li l-konvenuta akkumpanjat lil zewgha ghal-laqgha li kienet saret mal-attur, ma tfissirx li ammettiet li hi debitrici. Irrizulta kif l-attur kien qieghed jippretendi l-hlas minghand il-konvenuta wkoll. Sahansitra l-konvenuta stess qalet kif f'zewg okkazzjonijiet l-attur baghatilha irgiel jitolbu l-hlas u kif kien icemplilha ragel ghall-flus[8]. Ghalhekk il-qorti ma tara xejn stramb li l-attrici akkumpanjat lil zewgha ghal laqgha. Il-qorti tifhem u tapprezza li l-attrici kellha nteress li l-kwistjoni tissolva meqjus l-insistenza ta' l-attur li hi wkoll thallas ghad-dejn li ghamel zewgha. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li accettat li hi debitrici tal-attur. Fattur iehor li jhalli d-dubju f'mohh il-qorti dwar kemm hu veru li l-konvenuta offriet li thallas pagament ta' €100 fix-xahar, hu 'l fatt li fil-kuntratt li ghamlet ma' zewgha fit-23 ta' Jannar 1997 zewgha obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghad-dejn. Ghalkemm fin-nota ta' sottosmissjonijiet tardiva li pprezenta (fol. 20)[9] l-attur esprima d-dubju dwar kemm hu genwin il-kuntratt tat-23 ta' Jannar 1997[10], tali asserzjoni ma tifformax parti mill-kawzali ta' din il-kawza. Din il-kawza m'hijiex l-actio pauliana u ghalhekk il-qorti ma tistax tiddeciedi dwar allegazzjoni simili.*

*"Il-qorti ma taqbilx mal-konvenuti li l-bejgh kien bl-imnut. Il-konvenut kien jixtri l-aluminju biex imbaghad juzah fil-workshop tieghu biex jipproduci oggetti tal-aluminju u jbieghhom lill-kljenti tieghu. Fil-kawza* ***Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et*** *deciza fit-28 ta' Jannar 2010, il-Prim'Awla[11] osservat:*

> *"Il-bejgh bl-imnut huma nkluzi dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum ta' kuljum tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux (**Vol.XLV.III.813**). Dan ifisser li fil-kaz tal-Art.2148(b) il-ligi taghna thares lejn il-bejgh partikolari in kwistjoni per se mhux lejn il-kwalita' tal-persuni li jeffettwaw dak il-bejgh u cioe' jekk humiex abitwalment fil-kummerc jew le (**Vol.XLVIII.II.959**).*
>
> *"Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz ta' l-gurisprudenza fejn*

---

7 Dan kien il-persuna nkarigat mill-attur biex jigbor il-flus minghand Mifsud.

8 Il-konvenut ipprezenta dikjarazzjoni ffirmata minn Emanuel Spiteri u datata 21 ta' Jannar 2009 li taqra: *"Jiena, Emanuel Spiteri (i.d. 149854M) li mmexxi n-negozju Qormi Aluminium, qieghed hawnhekk niddelega lil David Mallia (439959M) biex ghan-nom tieghi jigbor minn ghand Frans Mifsud u martu Marthese Mifsud li kienu proprjetarji tan-negozju bl-isem Heavy Duty Aluminium f'Hal Qormi, kwalunkwe bilanc ta' flus li ghadu dovut lili.*
*David Mallia huwa awtorizzat jiehu kull pass permess mil-ligi, inkluz li jaghmel rapporti mal-pulizija u/jew awtoritajiet, u li jiehu l-kaz il-Qorti.*
*Din il-prokura ghandha validita' ta' sena mill-lum."* (fol. 142).

9 Prezentata fit-13 ta' Marzu 2012.

10 Ara paragrafu 5.

11 Imhallef J. Zammit Mckeon.

> *kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga' tinbiegh jew inkella biex tinhadem f'oggett iehor (**Vol.XXIII.I.909**) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita' apprezzabbli, allura dak huwa bejgh bl-ingrossa (**"Borg vs Bonello et noe et"** – Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970). Min-naha l-ohra il-bejjiegh bl-imnut vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro (**Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u "Grech vs Spiteri et"** – Appell – 25 ta' Mejju 2001).".*

*"Meqjusa 'l fatti ta' dan il-kaz, l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili[12] ma japplikax.*

*"Kull wiehed mill-konvenuti nvoka wkoll il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili[13]. Provvediment li fil-fehma tal-qorti huwa dak li japplika ghall-fattispecjie tal-kaz in ezami. Mill-provi rrizulta li wara li ma baqax isir negozju bejn l-attur u l-konvenut, kien biss b'ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2009 li l-konvenuta giet interpellata thallas, flimkien ma' zewgha, is-somma ta' €23,179.24 (fol. 86). Sa dak iz-zmien il-jedd ta' azzjoni tal-attur kontra l-konvenuta kien diga' preskritt. Ovvjament mhux l-istess ragunament japplika ghall-konvenut gialadarba:-*

*"i. Meta xehed ammetta li huwa debitur tal-attur;*

*"ii. Fit-3 ta' Settembru 2007 hallas is-somma ta' Lm20 bhala hlas akkont tad-dejn.*

*"l fatt li l-konvenut jikkontesta l-ammont ta' hlas li qieghed jippretendi l-attur ma jfissirx li fir-rigward tas-somma ikbar li qieghed jippretendi l-attur, tapplika l-preskrizzjoni. Il-konvenut ammetta li hu debitur tal-attur. Ghall-finijiet tal-preskrizzjoni estintiva hu rrilevanti d-dizgwid li jista' jkun hemm bejn il-kreditur u d-debitur dwar il-quantum tas-somma li ghandha tithallas.*

*"Min-naha l-ohra meqjusa l-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq, it-talba fil-konfront tal-konvenuta hi preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

*"**<u>Ammont dovut</u>**.*

*"Hemm nuqqas ta' qbil dwar dak li hu dovut lill-attur. L-attur jippretendi €23,179.24 (Lm9,950) filwaqt li l-konvenut isostni li fir-ricevuta mahruga*

---

[12] *"L-azzjonijiet hawn that imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar: omissis*
*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut".*

[13] *"L-azzjonijiet hawn that imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: omissis*
*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gejn minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, that preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku".*

*mill-konvenut (**recte:** l-attur) stess (Dok. FM1 a fol. 104)(**recte:** fol. 210) il-bilanc dikjarat hu ta' €8,715.19 (Lm3,741.43). Il-qorti tosserva:*

*"i. Is-somma ta' €8,715.19 ma tinkludix l-invoices kollha. Konkluzjoni li l-qorti qeghda tasal ghaliha minn dawn il-fatti:-*

*"(a) Dok. FM1 hu datat 16 ta' Marzu 1998. Jirrizulta li wara dakinhar kien hemm zewg okkazzjonijiet ohra meta l-konvenut xtara affarijiet. Hekk jirrizulta mill-invoices tat-2 ta' April 1998 (fol. 34)(**recte:** fol. 140) ghal Lm478.07 u 3 ta' Novembru 1998 (fol. 36)(**recte:** fol. 142) ghas-somma ta' Lm10.04, b'kollox €1,136,99 (Lm488.11).*

*"(b) Mir-registri tan-negozju tal-attur jirrizulta li s-somma ta' **€8,715.19** (Lm3,741.43) hu bilanc tal-prezz minn bejgh li sar mit-8 ta' Mejju 1995 sal-4 ta' Jannar 1996 (ara estratt mir-registru a fol. 59-60)(**recte:** fol. 165 – 166) fejn fl-ahhar hemm imnizzel total ta' Lm3,741.43. Pero' m'hemmx inkluz numru ta' invoices li jirreferu ghall-bejgh li sar f'perjodu bejn it-18 ta' Settembru 1995 sal-21 ta' Awwissu 1996 (ara dokument a fol. 85)(**recte:** fol. 191). It-total dikjarat fid-dokument a fol. 85 hu ta' Lm2,725.75 **(€6,349.29)**. Hekk ukoll m'hemmx inkluz bejgh li sar fl-20 ta' Dicembru 1996 (fol. 68)(**recte:** fol. 174); 20 ta' Settembru 1997 (fol. 31[14])(**recte:** fol. 137); 13 ta' Ottubru 1997 (fol. 32)(**recte:** fol. 138); 20 ta' Ottubru 1997 (fol. 33)(**recte:** fol. 139); 22 ta' Dicembru 1997 (fol. 35)(**recte:** fol. 141); 2 ta' April 1998 (fol. 34) (**recte:** fol. 140) u 3 ta' April 1998 (fol. 36)(**recte:** fol. 142).*

*"Dawn il-konsiderazzjonijiet jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li r-ragunament tal-konvenut hu zbaljat.*

*"i. L-attur ipprezenta kopja tal-invoices, li huma ffirmati mill-konvenut jew minn Mario Pisani, impjegat tal-konvenut.*

*"ii. Il-konvenut xehed: "Il-cash sales kollha hallasthom. Il-cash sale kont niffirmalu jien fuqu jew il-lavrant." (fol. 13). L-attur spjega kif wara xi zmien meta kien iddecieda li johrog cash sale ghalkemm il-hlas ma jsirx mal-konsenja tal-merkanzija, u jzomm l-original hu sakemm jithallas. Il-qorti ghadha tiftakar li f'wahda mis-seduta l-attur kien ipprezenta l-original ta' dawn id-dokumenti. Jekk kif qal il-konvenut kien hallas l-ammonti dikjarati fil-cash sales, fuq bazi ta' probabilita' l-original kien ikun ghand il-konvenut u mhux ghand l-attur. Ghalhekk taghzel li temmen il-verzjoni tal-attur li ma sarx hlas. B'kollox hemm sitta[15] b'total ta' Lm988.91 **(€2,303.54)**[16].*

[14] Ir-riferenza ghall-pagna hi fejn hemm kopja tal-kont.

[15] Fol. 31-36.

[16] Ghalkemm f'dak datat 22 ta' Dicembru 1997 (fol. 35) hemm bhala total is-somma ta' Lm530.07, jinghad ukoll li *"On 6/5/1998 Paid on a/c Lm300"* u li l-bilanc hu ta' Lm230.07. L-istess fid-dokument a fol. 31 jinghad li fl-10 ta' Dicembru 1997 sar pagament akkont ta' Lm26.83 u kien fadal bilanc ta' Lm118.77.

> *"Meqjusa dawn ic-cirkostanzi jidher ghalhekk li l-ammont li kien ghadu dovut kien ta' **€17,368.02** (Lm7,456.09), minn liema ammont trid titnaqqas is-somma ta' €648.89 (Lm278.57) li tirreferi ghall-invoice numru 4014 tal-21 ta' Novembru 1995 u 4206 tat-18 ta' Dicembru 1995 li ma gewx prezentati[17]. B'hekk total ta' **sittax-il elf seba' mija u dsatax-il ewro u tlettax-il centezmu (€16,719.13)**. Ghalkemm fir-rikors guramentat l-attur qieghed jippretendi l-hlas ta' tlieta u ghoxrin elf mija u disa' u sebghin ewro u erba' u ghoxrin centezmu (€23,179.24), a bazi ta' dak dikjarat fl-estratti mir-registri li hu stess ipprezenta u wkoll id-dokumenti li fuqhom hemm il-kliem Cash Sale ingassata (fol. 31-36), hu evidenti li l-ammont li qieghed jitlob huwa ezagerat. L-attur ma offra l-ebda spjegazzjoni tad-diskrepanza li hemm bejn l-ammonti dikjarati fid-dokumenti fuq imsemmija u dak dikjarat fil-prospett a fol. 96 u li pprezenta wara l-ordni li tat il-qorti fl-10 ta' Dicembru 2010[18]*";

5. Fl-appell inċidentali tiegħu mressaq fis-16 ta' Diċembru, 2013, l-appellant qal li ħassu aggravat bis-sentenza appellata għal tliet raġunijiet u talab li din il-Qorti tvarjaha billi tikkonfermaha safejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Marthese Mifsud u l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-appellat Francis Mifsud u safejn laqgħet l-ewwel talba tiegħu bl-imgħax jimxi mill-20 ta' Ottubru, 1997, imma tħassarha safejn l-ewwel Qorti llikwidat is-somma li kellha titħallas fl-ammont ta' €16,719.13, safejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimata Marthese Mifsud (li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni) u safejn ordnatlu jħallas 28% tal-ispejjeż tal-kawża u l-ispejjeż tal-imsemmija intimata Marthese Mifsud u, minflok, tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimata appellata Marthese Mifsud u tikkundanna liż-żewġ appellati jħallsuh is-somma kollha ta' €23,179.24

---

[17] Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2011, l-attur xehed li ma sabhomx. Fid-dokument li pprezenta l-attur a fol. 85 hemm ukoll notament *"ma sibthomx"*.

[18] *"L-attur ghandu fl-istess zmien jipprezenta l-prospett li juri car li l-partiti li ghalihom li qed jippretendi hlas u l-hlasijiet maghmula akkont."* (fol. 2).

mitluba fir-rikors promotur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati;

***Ikkonsidrat:***

6. Illi din hija azzjoni mibdija bil-proċedura sommarja speċjali għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' merkanzija (materja prima) mibjugħa u konsenjata fuq medda ta' żmien. L-appellant imexxi negozju ta' aluminju bl-isem ta' "*Qormi Aluminium*" u fetaħ din il-kawża biex il-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin miżżewġin Mifsud iħallsuh is-somma ta' tlieta u għoxrin elf mija u disgħa u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€23,179.24) bħala rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' bosta konsenji ta' aluminju mibjugħa u konsenjati lill-imħarrek appellat – li kien imexxi impriża bl-isem ta' "*Heavy Duty Aluminium*" f'Ħal Qormi wkoll – bejn l-1995 u l-1997;

7. Illi l-ewwel Qorti laqgħet waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-imħarrka appellata Marthese Mifsud u sabet li l-azzjoni attriċi kienet waqgħet fil-konfront tagħha bil-preskrizzjoni tal-ħames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħet it-talba attriċi, imma b'ammont imnaqqas minn dak mitlub fir-rikors promotur, u kkundannat lill-imħarrek appellat Francis Mifsud iħallsu s-somma ta' €16,719.13 flimkien mal-

imgħax legali fuqha b'seħħ mill-20 ta' Ottubru, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv;

8. Illi l-appellant ressaq **tliet aggravji** fl-appell inċidentali tiegħu mis-sentenza appellata. L-ewwel wieħed jitkellem dwar is-somma likwidata mill-ewwel Qorti bħala l-ħlas lilu dovut mill-appellat; it-tieni wieħed jirrigwarda l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-appellata Marthese Mifsud; u t-tielet wieħed hu dwar il-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-kap tal-ispejjeż;

9. Illi kien biss l-appellat Francis Mifsud li kkontesta l-appell inċidentali tal-appellant li, bi Tweġiba tiegħu tal-20 ta' Frar, 2014, warrab l-aggravji kollha tal-appellant. L-appellata ma ressqitx tweġiba;

10. Illi fl-**ewwel aggravju** tiegħu, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet kalkoli ħżiena biex waslet għas-somma li ordnat lill-appellat iħallsu. Huwa jgħid li dan seħħ minħabba li l-ewwel Qorti kellha toqgħod fuq kopji fotostatiċi mhux ċari (wara li ntilef il-proċess bid-dokumenti oriġinali li kienu fl-atti) li wassluha biex ma taċċettax biċċa sewwa mis-somma li huwa kien qiegħed jitlob bi ħlas. Huwa jisħaq li ressaq provi dokumentali tajba u ċari biżżejjed biex jiġġustifika t-talba tiegħu u jemmen li l-ewwel Qorti kellha toqgħod fuqhom. Iżid jgħid li, jekk tassew kellu jirriżulta li kien hemm xi fatturi nieqsa, din ma kienet qatt titla' għas-

somma li l-ewwel Qorti naqqset fl-ammont finali li kkundannat lill-appellat li jħallsu;

11. Illi dwar dan l-aggravju l-appellat jilqa' billi jgħid li, jekk stess, l-ewwel Qorti llikwidat somma ogħla minn dak li huwa jistqarr li għandu jħallas lill-appellant, u jirreferi għar-rikors tal-appell tiegħu b'riferenza għall-aggravju dwar din iċ-ċirkostanza. B'mod partikolari, jgħid li l-appellant ma jistax jistaħba wara l-iskuża li l-proċess kien għamel żmien mitluf u kellu jinbena mill-ġdid biex jipprova jitlob lil din il-Qorti terġa' tagħmel eżerċizzju ġdid ta' apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti;

12. Illi jibda biex jingħad li, kemm matul is-smigħ tal-kawża u kif ukoll f'din l-istanza, l-appellat jistqarr li huwa għandu jagħti lill-appellant[19]. Huwa jgħid ukoll li, mill-provi dokumentali nfushom[20], joħroġ li huwa għandu jagħti tmint elef seba' mija u ħmistax-il ewro u dsatax-il ċenteżmu (€8,715.19[21]). L-appellant, min-naħa tiegħu, jgħid li dak l-ammont mistqarr ma jgħoddx fih konsenji oħrajn li saru u li tagħhom l-appellat baqa' ma ħallas qatt. L-ewwel Qorti laqgħet din il-fehma tal-appellant u tat ir-raġunijiet tagħha għaliex u kien għalhekk li ma qagħditx fuq is-somma mistqarra mill-appellat u għaddet fatturi oħrajn ta' konsenji li saru wara l-aħħar bilanċ imsemmi fir-reġistru miżmum mill-appellant (4 ta'

[19] Xhieda tiegħu f'paġ. 115 tal-proċess.
[20] Riferenza għad-Dokti "B31" u "FM1", f'paġġ. 34, 166 u 210 tal-proċess kif rinumerat.
[21] Is-somma ta' Lm 3,741.43 fi flus tallum.

Jannar, 1996) u qabel il-ħruġ tal-irċevuta tas-16 ta' Marzu, 1998, u li l-appellat ma weriex li kien ħallashom;

13. Illi ma hemmx dubju li dan l-aggravju jattakka l-apprezzament tal-provi li l-ewwel Qorti għamlet biex waslet għall-ammont dovut. Il-kwistjoni dwar x'kien l-ammont li l-appellant kien għadu jrid jitħallas (meta mqabbel mas-somma minnu miltuba fit-tieni talba attriċi) kienet waħda mill-irjus ewlenija tas-sentenza appellata: kemm hu hekk, il-konsiderazzjonijiet tal-imsemmija sentenza jinqasmu taħt "preskrizzjoni" u "ammont dovut". L-appellat jgħid li b'dan l-aggravju tiegħu l-appellant irid li din il-Qorti terġa' twettaq apprezzament mill-ġdid tal-provi li diġa` wettqitu l-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma terġax tagħmel eżerċizzju bħal dak jekk kemm-il darba ma joħroġx li l-ewwel Qorti tkun injorat xi provi li messha qisithom jew jekk il-konklużjonijiet li tilħaq ma jkunux imsejsa fuq provi fl-atti jew konklużjonijiet mhux raġonevoli fid-dawl ta' dawk il-provi;

14. Illi fl-aggravju tiegħu, l-appellant ma żied xejn mas-sottomissjonijiet li huwa kien għamel quddiem l-ewwel Qorti. Għall-kuntrarju, iqis li l-ewwel Qorti naqset milli twettaq eżami tajjeb tal-provi dokumentali mressqa għaliex jgħid li l-kwalita` tal-provi ma kinitx mill-aħjar billi l-provi dokumentali kienu kopji li nħalqu meta l-proċess kien rikostruwit wara li d-dokumenti oriġinali ntilfu. Hija u tifli l-proċess, din il-Qorti sabet li d-dokumenti oriġinali li l-ewwel Qorti ordnat lill-appellant iħalli magħha

"*animo ritirandi*" fil-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Settembru, 2011[22], jinsabu tabilħaqq fl-atti tal-kawża[23]. Dan il-fatt jaf ixejjen il-bażi nnifisha tal-aggravju għaliex ma hemm xejn x'juri li meta l-ewwel Qorti ġiet biex tqis il-provi, hija ma ratx id-dokumenti oriġinali li ressaq l-appellant u li dwarhom jibni l-biċċa l-kbira tal-każ tiegħu f'dan l-appell. Minbarra dan, il-Qorti jidhrilha li, minkejja l-mod li bih il-proċess reġa' nbena, minn eżami ta' dawk id-dokumenti ma joħroġ xejn ġdid li jwassalha biex issib li l-proċess tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti kien żbaljat. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-ewwel Qorti li l-attur naqas li jipprova kif imiss li huwa għad għandu jieħu l-ammont kollu li talab kemm fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-23 ta' Lulju, 2009[24], u kif ukoll fir-rikors promotur li bih fetaħ din il-kawża;

15. Illi għal dawn ir-raġunijiet l-aggravju mhuwiex sejjer jintlaqa' u l-Qorti qiegħda tikkonferma s-somma likwidata mill-ewwel Qorti;

16. Illi t-**tieni aggravju** tal-appellant jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni mqajma mill-intimata appellata Marthese Mifsud u l-fatt li l-ewwel Qorti laqgħetha u sabet li, safejn l-azzjoni attriċi tolqot lilha, din waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin. L-appellat jgħid li l-prokura tal-31 ta' Jannar 2009[25] magħmula minnu tixhed ċar li l-appellata marret ma' żewġha fl-

---

[22] Ara paġ. 106 tal-proċess.
[23] Ara Dokti "XX1" u "FM1" f'envelopp f'paġġ. 111 u 120 tal-proċess.
[24] Dok "C1a", f'paġ. 60 tal-proċess.
[25] Dok "MBL" f'paġ. 248 tal-proċess kif rinumerat.

istabbiliment tiegħu u li din kienet prova ċara biżżejjed li l-istess appellata kienet taf bid-dejn li żewġha l-appellat kellu mal-appellant u li, sa dak iż-żmien, kienet qiegħda taċċetta li hija kienet se tagħmel tajjeb għad-dejn flimkien ma' żewġha. Jgħid ukoll li, quddiem l-ewwel Qorti, ħarġet prova li l-istess appellata kienet offriet li tħallas mitt ewro (€ 100) kull xahar biex jinqata' d-dejn ta' żewġha;

17. Illi għal dan l-aggravju l-appellat iwieġeb billi jirreferi għal dak li kien kiteb fis-sottomissjonijiet tiegħu qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

18. Illi jidher li l-appellant jibni dan l-aggravju fuq żewġ aspetti – il-ksur tal-preskrizzjoni u r-rinunzja taż-żmien preskrittiv min-naħa tal-appellata Marthese Mifsud. Fl-aggravju tiegħu ma jikkontestax il-kostatazzjoni tal-ewwel Qorti li ż-żmien preskrittiv li kien jgħodd għall-azzjoni tiegħu huwa dak tal-ħames snin maħsub fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili[26];

19. Illi għar-rigward tal-ksur taż-żmien preskrittiv, l-appellant jistrieħ fuq il-prokura li fassal huwa nnifsu f'Jannar tal-2009 marbuta ma' laqgħa li saret fl-istabbiliment tiegħu mal-appellati miżżewġin Mifsud. Jidher li l-appellant iqis li dik il-prokura u l-laqgħa li saret mal-appellati kienet biżżejjed biex kisret il-mixi tal-preskrizzjoni favur l-appellata Marthese Mifsud. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument. Fl-ewwel lok, il-ksur taż-żmien preskrittiv iseħħ jekk kemm-il darba d-debitur jistqarr id-dejn

[26] Ara, fost oħrajn, App. Inf. PS **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Spiteri pro et noe v. John Peresso et.***

jew jagħraf il-jedd tal-parti l-oħra[27]. F'dan il-każ, il-prokura hija dikjarazzjoni unilaterali magħmula mill-appellant – il-kreditur – innifsu u ma ġġib l-ebda dikjarazzjoni min-naħa tal-appellata. Fit-tieni lok, biex jista' jinkiser iż-żmien tal-preskrizzjoni, l-istqarrija min-naħa tad-debitur trid tkun saret f'waqt meta ż-żmien tal-preskrizzjoni ma jkunx għadu għalaq[28]. Jekk wieħed joqgħod fuq il-każ tal-appellant, il-laqgħa bejnu u l-appellati Mifsud saret fl-2009, u għalhekk iż-żmien tal-ħames snin kien ilu li għalaq sewwa qabel dakinhar, jekk wieħed iqis li l-aħħar darba li l-appellat Mifsud xtara materjal mingħand l-appellant kien qabel Marzu tal-1998;

20. Illi fejn l-aggravju tal-appellant jinbena fuq <u>ir-rinunzja taż-żmien preskrittiv</u> jidħlu konsiderazzjonijiet oħrajn. Dan jingħad għaliex, għall-kuntrarju taċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-ksur taż-żmien preskrittiv, ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' ssir wara li jkun għalaq iż-żmien tal-preskrizzjoni[29]. L-istqarrija tal-jedd tal-parti hija raġuni li l-liġi tqis bħala raġuni ta' ksur jew ta' rinunzja tal-preskrizzjoni[30]. Ta' min jgħid li, f'ċerti każi, l-għarfien jitqies iżjed bħala każ ta' rinunzja għall-preskrizzjoni milli interruzzjoni taż-żmien preskrittiv[31], u għalhekk huwa l-każ fejn l-għarfien tal-jedd tal-kreditur jista' jkun ukoll impliċitu u mhux tabilfors espress[32] jew

---

[27] Art. 2133 tal-Kap 16.
[28] Ara Kumm. **12.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Bajada et v. Naudi*** (Kollez. Vol: **XXXIV.iii.742**).
[29] Ara Kumm **27.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ v. Manġion*** (Kollez. Vol: **XLVIII.iii.1428**).
[30] Art. 2133 tal-Kap 16.
[31] P.A. **10.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia pro et noe v. Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.606**).
[32] P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ v. Brincat et*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.744**).

miktub, għalkemm tali għarfien għandu jitfisser b'mod restrittiv[33] li ma jistax ikun ekwivoku[34];

21. Illi ladarba r-rinunzja għall-preskrizzjoni hija allegazzjoni li tagħmilha l-parti attriċi biex twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa kontriha, jiġi li hija l-parti attriċi li trid tipprova tajjeb dik ir-rinunzja u li l-prova li tinġieb tkun waħda konklussiva[35]. Ta' min jgħid li kemm meta tressqet l-ittra uffiċjali mill-appellant taħt l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll meta nfetħet din il-kawża, l-appellata Marthese Mifsud ċaħdet li hija kienet debitriċi tal-appellant. Għalhekk, b'dan l-atteġġament magħruf ma' wiċċu, l-appellant seta' kien jaf li jrid iressaq provi tajbin sewwa li kien hemm xi għamla ta' għarfien tad-dejn min-naħa tal-appellata u, wisq aktar, li hija kienet irrinunzjat għaż-żmien preskrittiv dwar dak id-dejn;

22. Illi mill-atti tal-kawża ma jidhirx li l-appellata Marthese Mifsud tabilħaqq għarfet li hija kienet debitriċi tal-appellant[36]. Mhux biss ma stqarritx li hija marret ma' żewġha għal-laqgħa biex tintrabat miegħu biex isir il-ħlas tad-dejn li kien għadu dovut, imma lanqas laħaq kien hemm diskussjoni dwar id-dejn għaliex il-laqgħa ddeġenerat f'għajjat u theddid: hija xehdet li marret għal-laqgħa biex tkun taf f'hiex jinsab żewġha u mhux biex hija tintrabat miegħu biex tħallas lill-appellant. Għalkemm il-kuntratt

---

[33] P.A. **7.12.1901** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia v. Perini*** (Kollez. Vol: **XVIII.ii.81**).
[34] App. Ċiv. **8.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et v. Beżżina*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.1**).
[35] App. Kumm. **20.3.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Paċe v. Fred Fenech*** (mhix pubblikata).
[36] Ara x-xhieda tagħha fil-kontro-eżami f'paġ. 97 tal-proċess.

b'att nutarili pubbliku tal-firda tal-ġid li sar f'Jannar tal-1997[37] kien "*inter alios*" għall-appellant[38], wieħed ma jistax iwarrab minn quddiemu r-rabta espressa magħmula mill-appellat f'dak il-kuntratt li huwa kien waħdu qiegħed jerfa' l-ħlas tad-djun maħluqa min-negozju tiegħu. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti dwar jekk l-appellata kinitx aċċettat li hija debitriċi tal-appellant u ma tarax li għandha għalfejn ittennihom jew iżżid fuqhom;

23. Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant bħala mhux mistħoqq la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

24. Illi bit-**tielet aggravju** tiegħu l-appellant jilmenta mill-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-kap tal-ispejjeż. L-appellant jistqarr li dan l-aggravju "huwa in parte dipendenti fuq iż-żewġ aggravji preċedenti"[39]. Madankollu, ma żied l-ebda sottomissjoni oħra biex isejjes dak l-aggravju;

25. Illi, kif sewwa jgħid l-appellat fit-tweġiba tiegħu għal dan l-aggravju, jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tiċħad – kif fil-fatt sejra tagħmel – l-imsemmija żewġ aggravji ta' qabel, dan l-aggravju jaqa' wkoll. Ma ngħata l-ebda raġuni għaliex il-mod kif l-ewwel Qorti qasmet l-ispejjeż tal-kawża u kif u minn min kellhom jintrefgħu għandu jintmess mill-ġdid. Dik il-Qorti

---

[37] Dok "A", f'paġġ. 264 – 6 tal-proċess. Ta' min jinnota li l-att pubbliku msemmi kien insinwat fir-Reġistru Pubbliku fis-27 ta' Jannar, 1997.
[38] App. Ċiv. **30.5.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Joseph Paul Mallia et v. Francis Deguara et*** u App. Ċiv. **16.12.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno sive Leslie Cardona v. Massimo Żahra et.***
[39] Rikors Appell Inċidentali f'paġ. 287 tal-proċess.

fissret kif u għaliex għamlet dik il-qasma u din il-Qorti tara li dik il-Qorti għamlet sewwa b'ħarsien ta' dak li tgħid il-liġi fl-Artikolu 223(3) tal-Kapitoilu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Decide:***

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-appell prinċipali** tal-intimati miżżewġin Mifsud fid-dawl tad-digriet tagħha ta' deżerzjoni tat-13 ta' Marzu, 2018;

**Tiċħad l-appell inċidentali** tal-attur billi mhuwiex mistħoqq fil-fatt u fid-dritt; u

Filwaqt li **tikkonferma** għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **tordna** li kull parti tħallas l-**ispejjeż tal-appell** imressaq minnha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm